MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 383/2001/1

**Capua Palace Limited**

**-vs-**

**Boris Arcidiacono**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-8 ta' Marzu, 2001 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta` attriċi f'bilanċ ta' Lm4,936.92 għal drittijiet professjonali, servizzi mediċi u ta' sptar, konsultazzjonijiet, servizzi ta' patoloġija u fisjoterapija u servizzi oħra prestati lil Erminia Arcidiacono, omm il-konvenut, għal liema huwa responsabbli l-konvenut;

Illi għalkemm il-konvenut ġie nterpellat diversi drabi biex; iħallas dan baqa' inadempjenti;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta` attriċi għall-ammont ta' Lm 4,936.92 kif premess;

2. tikkundanna u tordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma dovuta għal servizzi mediċi u ta' sptar, konsultazzjonijiet, servizzi ta' patoloġija u fisjoterapija u servizzi oħra hekk prestati;

Bl-ispejjeż, bl-imgħax u bir-riżerva ta' kull dritt u azzjoni fil-Liġi. Il-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Boris Arcidiacono, ppreżentata fit-2 ta' April, 2001 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, għar-raġunijiet segwenti:

1. illi *in linea preliminari* ċ-ċitazzjoni hija nulla *stante* illi s-soċjeta` attriċi ġja' ressqet it-talbiet tagħha quddiem din l-istess Qorti permezz ta' ċitazzjoni numru 2193/00 JRM bl-ismijiet *"Capua Palace Limited vs Arcidiacono Erminia"* li għadha pendenti, u tinsab differita għat-tlieta (3) ta' Mejju 2001, u għalhekk ladarba l-mertu huwa eżattament l-istess, ma tistax tiġi riproposta, u dan minkejja l-fatt illi l-konvenut m'huwiex parti f'dik il-kawża;

2. illi fit-tieni lok u mingħajr preġjudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut ma huwa responsabbli għal ebda somma allegatament dovuta lis-soċjeta attriċi;

3. illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, m'huwiex minnu li s-soċjeta` attriċi pprestat is-servizzi u konsultazzjonijiet allegati, la lill-omm il-konvenut Erminia Arcidiacono, u wisq anqas lill-istess konvenut:

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2003 li permezz tagħha ġiet respinta l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat il-verbali tas-seduti;

Rat l-atti tal-kawża kompriżi d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża kienu s-segwenti. Omm il-konvenut ġiet rikoverata fl-isptar proprjeta' tas-soċjeta' attriċi fejn allegatament saru s-servizzi ndikati fiċ-ċitazzjoni lilha. Il-konvenut iffirma d-dokumenti relattivi għar-rikoverar tagħha fl-isptar, iżda dejjem għan-nom tagħha. Meta mietet omm il-konvenut is-soċjeta' attriċi pproċediet għall-ħlas. Il-konvenut *oltre* l-eċċezzjoni ġia' miċħuda qed jgħid illi mhux responsabbli għal dan id-debitu.

Illi fil-fatt jirriżulta li l-konvenut kif ġia' msemmi ffirma d-dokumenti relattivi dejjem għan-nom ta' ommu; irriżulta wkoll fil-mori fil-kawża illi lanqas ma tħalla eredi mill-istess ommu kif jidher mir-riċerki testamentarji u l-aħħar testament tagħha. Madankollu billi s-soċjeta' attriċi ma kellha ebda mod li tkun taf b'dan se jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża, barra dawk deċiżi mis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2003, ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------